FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

27 ta' Lulju 2017

Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)

vs

Patrick Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 206577(m) akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, bejn Novembru 2009 u April 2010, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi. tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-Avukat Generali jipprospetta kontra l-imputat ir-reat kontinwat ta' korruzjoni taht l-Artikolu 115(a) u (b) tal-Kap 9. L-artikolu in meritu jittratta l'hekk imsejha korruzzjoni passiva, ovvero, dik maghmula minn ufficjal pubbliku li in konnessjoni max-xoghol tieghu, kemm li jaghmel jew jonqos li jaghmel dak li jkun fid-dover tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom ma jkollux jedd. Jirrikjedi ftheim volontarju bejn l-ufficjal jew impiegat pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (konsiderata fil-ligi bhala komplici) permezz ta' liema ftheim jittwieled veru u proprju 'pactum sceleris'. Il-kaz jinvolvi kemm l-imputat, qua kunsillier tal-kunsil lokali ta' tas-Sliema u s-sindku tal-istess u jikkoncerna ammont ta' mill-anqas €3000, liema ammont ta' €3000, jikkorrispondi ghac-cekk esebit folio 50 u 51 risultanti mahrug mis-sindku u paggabbli lill-imputat. M'hemm l-ebda kontestazzjoni fuq daqshekk, izda mhux biss, ghaliex fix-xhieda tieghu l-imputat jistqarr li f'Marzu tas-sena 2010 (erba xhur wara li kien irceva c-cekk appena riferit) kien irceva, dejjem mill-istess sindku, ammont iehor ta' €2000. L-imputat sostna li dawn is-somom is-sindku kien ghaddihomlu u hu ircevihom in via ta' self.

L-abbli Avukat difensur fit-trattazzjoni orali stieden il-Qorti sabiex tiehu qies u tikkonsidra il-kronologija, li rrifera ghaliha bhala t-'timeline' ta' kif issussegwew il-fatti. Xehed l-imputat. Kien anka precedentement irrilaxxja stqarrija meta kien interrogat mill-pulizija, liema stqarrija, skond l-ahhar sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali per l-Imhallef Zammit Mckeon hija monka stante in-nuqqas tal-fakolta' lill-imputat li jkollu l-presenza fisika ta' avukat waqt r-rilaxx tal-istqarrija . Hu x'inhu il-kaz, pero', fix-xhieda 'viva voce' tieghu fil-Qorti, l-imputat spiega u espanda fuq dak li kien qal fl-istqarrija u li d-difensur tieghu irrefera bhala t-'timeline' ta' kif issussegwew l-eventi. Stqarr li hu sar kunsillier fil-

kunsil lokali ta' tas-Sliema f'Gunju 2009; is-sindku kien Nicholas sive Nikky Dimech; darba fost l-ohrajn, fil-15 ta' Novemru ta' dik is-sena, kien mar il-Kunsill biex jivverifika jekk il-pagament tal-'allowance' kienx inhareg; dan ma kienx, u incidentalment jiltaqa mas-Sindku li offrielu li fil-frattemp jiselfu €3000; suusegwentement f'xi Marzu/April tas-sena sussegwenti (igifieri 2010) meta mar ikellem lil Dimech biex jghidlu li ma' kienx ghadu f'posizzjoni li irrodlu t-€3000 lura dan Dimech ghaddielu €2000 ohra; x-xahar kollu ta' Awissu kien ir-Russija ma' martu prospettiva li izzewigha fis-16 ta' Settembru ta' dik is-sena; fil-fattemp, kien ghadu ir-Russja, qisu f'nofs Awissu, sar jaf li Dimech kien gie akkuzat il-Qorti; fil-bidu ta' Settembru 2010, meta allura l-imputat kien lura Malta, ghaddiet il-mozzjoni ta' sfiducja fis-sindku fl-liema mozzjoni huwa ivvota favur igifieri biex is-sindku jitnehha;

Rilevanti fil-kuntest tal-akkuza hu dak li jistqarr l-imputat li kien qabel ma' siefer ir-Russja u kien mar il-kunsill biex jinforma ruhhu fejn kienet waslet il-pendenza tal-'allowance' li jiltaqa mas-sindku li irrivolgilu l-kliem "jekk tappogjani fid-decijonijiet tal-kunsill lest li naghtik xi haga tal-flus", liema sinifikat tal-kliem, igifieri x'ried jghidlu, ntebbah bihom u kkonnetjhom mal-mozzjoni ta' sfiducja minhabba xi sviluppi li kienu avverraw ruhhom fil-frattemp li konsegwenza taghhom l-voti favur u kontra l-mozzjoni ta' sfiducja, eskluz tieghu, kienu ndaqs u tieghu allura spicca determinanti ghas-sindku sabiex l-mozzjoni ma tghaddiex u ma jigix skonfitt u jirrisenja minn sindku. Apparati l-€5000 kif fuq spiegat l-imputat halef li la talab, la irceva u la accetta xi flus jew utili sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel dak li kien fid-dover tieghu li jaghmel. Lanqas meta wara beda it-theddid u f'okkazjoni wahda tentattiv sabiex fl-assenza ta quorum il-kunsill kien ikollu jxolji..

Intant, l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li l-flus ghaddew bl-iskop specifiku li l-imputat jappogga bil-vot tieghu fil-kunsill kull decizjoni tas-sindku. L-imputat dan jichdu. Jghid li minbarra f'xi okkazjonijiet meta l-votazzjoni tkun fuq 'free vote' il-prassi kienet li l-vot kien jirrispekkja il-linja tal-partit, fil-kaz tal-imputat l-Partit Nazzjonalista. Dan imkien mill-provi ma' jinsab kontradett, l-anqas ma tinsab pruvata xort'ohra l-inferenza, fuq domanda in kontroezami tal-prosekuzzjoni lill-imputat, dwar votazzjonijiet koncernanti tenders illegali. Fl-ebda stadju ma ngabu provi fuq daqshekk mill-prosekuzzjoni.

Frankament, il-Qorti, mhux qed tidentifika ebda 'pactum sceleris' bejn l-imputat u s-sindku li talvolta tissostanzja l-akkuza ta' korruzzjoni tal-
kontra tieghu.

Ghalhekk ma sibux hati u tillibera.

A.M.Trigona
Magistrat